DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Mejju 2011

li taħtar membru Daniż fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2011/311/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Daniż,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE [1] u 2010/29/UE [2] dwar il-ħatra ta' membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.

(2) Is-siġġu ta' membru wieħed tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara t-tmiem tal-mandat tas-Sur Henning JENSEN,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huwa b'dan maħtur mill-ġdid bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

— Is-Sur Henning JENSEN, *Byrådsmedlem* (bidla tal-mandat).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Mejju 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

BALOG Z.

[1] ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.
[2] ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.